MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2003

Rikors Numru. 1579/2001/1

**Fl-atti tal-mandat ta' zgumbrament numru 2652/01 fl-ismijiet:-**

**Karen Debono**

**vs**

**David Debono**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ta' David Debono fejn gie premess :-

Illi huwa gie notifikat bil-mandat ta' zgumbrament fl-ismijiet premessi mahrug minn dina l-Onorabbli Qorti wara rikors ipprezentat minn Karen Debono in segwitu ghal digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili moghti fis-17 ta' Awissu 2001;

Illi l-hrug tal-fuq imsemmi mandat intiz biex l-esponenti jigi zgumbrat mill-fond Blk 2, Flat 8, Progett tad-Djar ta' Sant'Andrija, Pembroke ma setax jinhareg wara d-digriet tas-Sekond'Awla tas-17 t'Awissu 2001, u dana peress illi l-oggett tal-mandat illi jirreferi ghal Blk. 2, Flat 8, Progett tad-Djar ta' Sant'Andrija, Pembroke imkien ma hu imsemmi fil-korp tar-rikors ipprezentat minn Karen Debono quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili tas-17 ta' Awissu 2001. Ghaldaqstant ladarba l-fond illi skond ir-rikors odjern qed jigi pretiz illi jigi zgumbrat ma giex identifikat fid-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili hawn fuq imsemmi, ma jistax validament jinhareg mandat fuq l-ebda fond;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-istess fond Blk. 2, Flat 8, Progett tad-Djar ta' Sant'Andrija, Pembroke huwa kolpit minn Requisition Order Numru 48856 mahrug mill-Housing Secretary u ghalhekk l-esponenti ma jistax jaghti ebda pussess tal-fond imsemmi fil-mandat ta' zgumbrament;

Illi ghal dawn l-imsemmija ragunijiet il-mandat huwa irritu u null u bla effett u fi kwalunkwe kaz ma jistax jigi ezegwit;

Illi ghal dan ir-rikors qed isir a tenur ta' l-artiklu 283A tal-Kap. XII, minghajr pregudizzju ghal kull dritt spettanti lill-esponenti.

Ghalhekk ir-rikorrenti talab li dina l-Qorti joghgobha:

tissospendi l-ezekuzzjoni ta' l-imsemmi mandat ta' zgumbrament fuq imsemmi u tirrevoka l-imsemmi mandat u tohrog l-opportun kontromandat ghalih;

Rat ir-risposta ta' Karen Debono fejn gie sottomess :-

1. Illi l-esponenti qed taghti ruhha b'notifikata b'dan ir-rikors odjern u li qieghed appuntat ghat-2 ta' Novembru, 2001 fl-9.45 ta' filghodu;

2. Illi l-esponenti kienet intavolat rikors fis-26 ta' Lulju 2001 qudiem l-Onorabbli Sekond'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet fuq premessi fejn talbet li hija tigi awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali minn ma' zewgha, r-rikorrent odjern, li l-Qorti tafdalha l-kura u l-kustodja provvizorja tal-minuri Nikolai, li l-Qorti tordna lill-intimat sabiex minnufih ihallas lill-esponenti manteniment xieraq ghaliha skond il-ligi, li l-Qorti tordna lill-intimat sabiex minnufih ihallas lill-esponenti manteniment xieraq skond il-ligi ghall-minuri Nikolai u li l-Qorti tawtorizza lill-esponenti tabita fid-dar matrimonjali mat-tifel taghha u dan ad eskluzjoni ta' l-intimat zewgha;

3. B'digriet moghti fis-17 ta' Awissu 2001, l-Onorabbli Sekond'Awla tal-Qorti Civili ddekretat l-imsemmi rikors fejn inter alia l-esponenti giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali minn ma' zewgha, afdat il-kura f'idejn l-esponenti izda l-kustodja legali baqghet wahda konguntiva, akkordat access favur l-intimat zewgha, cahdet it-tielet talba ghal manteniment ta' l-esponenti, ordnat lill-intimat zewghha jhallas hamsin lira (Lm50) fil-bidu ta' kull xahar lill-esponenti bhala manteniment ghal binhom minuri u finalment ordnat li l-intimat zewgha ghandu fi zmien xahar mil-lum johrog mid-dar konjugali li, f'dan l-istadju, ghandha tabita fiha esklussivament ir-rikorrenti mat-tifel minuri. (Dok. A);

4. Illi mhux korrett li r-rikorrent David Debono jghid illi l-oggett tal-mandat illi jirreferi ghal Blk. 2, Flat 8, Progett tad-Djar ta' Sant'Andrija, Pembroke, ma hu imsemmi imkien fil-korp tar-rikors ipprezentat minn Karen Debono quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili. Dan ghaliex ir-rikors gie notifikat lir-rikorrent David Debono fid-dar matrimonjali li giet indikat fuq l-ewwel faccata tar-rikors li kien sar quddiem l-Onorabbli Sekond'Awla;

5. Illi hija totalment irrilevanti l-fatt jekk il-fond de quo hux kolpit minn requistion order o meno. Li hu rilevanti huwa l-fatt illi hemm mandat ta' zgumbrament u ghandu jigi obdut. In oltre l-fatt illi r-rikorrent David Debono qed jghid li ma jistax jagghti pussess tal-fond ghax huwa kolpit mill-imsemmija Requistiion Order, allura wiehed jistaqsi x'interess ghandu r-rikorrenti li jghid illi tali mandat ta' zgumbrament qatt ma seta' jinhareg ghax xorta mhux ser ikollu pussess;

6. Illi jinghad ukoll il-mandat ta' zgumbrament gie ezegwit fit-3 ta' Ottubru, 2001 u allura l-ewwel talba tar-rikorrent David Debono hija sorpassata;

7. Illi ghar-rigward ta' nuqqas ta' indirizz u li dwar dan il-fatt ir-rikorrent David Debono qed jibni d-difiza tieghu jinghad bir-rispett illi din ukoll hija bla bazi la fattwali u lanqas legali. Fattwalment ir-rikors odjern huwa insostenibbli ghaliex kif diga' gie spjegat ir-rikorrenti kien jaf fejn hi d-dar matrimojali u li din id-dar hija l-uniku dar li l-kontendenti ghandhom. Dan jimporta illi d-digriet kien validu u li l-mandat huwa validu wkoll. Legalment huwa insostenibbli ukoll il-ghaliex l-artikolu 3A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid testwalment:

*"3A. Id-dar taz-zwieg. Mizjud: XXI.1993.3.*

*(1) Id-dar taz-zwieg ghandha tkun stabbilita f'lok li jintghazel bi qbil bejn il-mizzewgin skond il-htigijiet tal-mizzewgin u l-interess ewlieni tal-familja nnifisha.*

*(2) Meta d-dar taz-zwieg, kollha kemm hi jew sehem minnha, tkun tappartjeni fi propjeta' jew b'xi titolu iehor, lil parti wahda mill-mizzewgin, dik il-parti tista' biss tittrasferixxi b'titolu inter vivos is-sehem taghha fuq id-dar taz-zwieg:*

*(a) Bil-kunsens tal-parti l-ohra; jew*

*(b) meta dak il-kunsens ma jinghatax minghajr raguni xierqa, bl-awtorita' tal-qorti ta' gurisdizzjoni volontarja; jew*

*(c) b'irkant f'bejgh gudizzjarju fuq talba ta' xi kreditur ta' dik il- parti.*

*(3) Il-parti li ma tkunx tat il-kunsens taghha ghal tasferiment tista' ggib azzjoni ghall-annullament ta trasferiment li ma jkunx sar skond is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, f'gheluq sena minn meta t-trasferiment ikun gie registrat"*;

8. Illi ghalhekk minn qari tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3A tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu jirrizulta ampjament illi d-dar minn fejn gie zgumbrat ir-rikorrenti David Debono hija d-dar matrimonjali;

9. Ili jinghad bir-rispett illi l-intenzjoni tar-rikorrent hija biss li jkompli jtawwal il-proceduri gudizzjarji u b'hekk igib fix-xejn dak li qalet l-Onorabbli Sekond'Awla tal-Qorti Civili meta rat illi kien fl-ahjar interess ta' kulhadd li r-rikorrent odjern jigi zgumbrat mill-fond matrimonjali;

10. Illi l-esponenti ma tistax tifhem kif fis-17 ta' Settembru, 2001 ir-rikorrenti pprezenta rikors fir-Registru tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili sabiex jigi prorogat iz-zmien moghti minn dik l-Onorabbli Qorti ghall-izgombru tieghu u appena hdax (11)-il gurnata wara huwa jibda proceduri biex jannulla tali mandat ta' zgumbrament. Dan huwa kaz klassiku ta' l-applikazzjoni tal-principju selecta una via non datur recursus ad alteram (Dok. B). Din hija konferma

ohra illi dakinhar tal-prezentata tar-rikors, ghal proroga, quddiem l-Onorabbli Sekond'Awla tal-Qorti Civili, l-esponenti kien jaf minn fejn kien ser jigi zgumbrat;

11. Illi r-rikorrenti qed jipprova jqabbad l-ahhar ftit ma' formalizmu li anke illum il-gurnata dawn il-Qrati mhux qed jaghtu aktar;

12. Finalment jinghad illi d-digriet tas-Sekond'Awla jinghata fis-17 ta' Awissu 2001. Ir-rikorrent David Debono kellu xahar zmien biex jizgombra mill-fond matrimonjali. Illi kien biss wara diversi granet li skada l-imsemmi terminu li r-rikorrent David Debono, beda jallega li l-mandat ta' zgumbrament huwa null. Ma ghamel xejn meta dan inhareg mill-Qorti relattiva. Illi ghalhekk dan jindika l-intenzjoni vera tar-rikorrent u cioe li jtawwal il-process gudizzjarju inutilment;

13. Ghalhekk l-esponenti talbet li din il-Qorti tichad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez kollha kontra tieghu;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tar-rikorrenti;

Rat in-nota responsiva tal-intimata Karen Debono;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensur tal-intimata;

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Dicembru 2001;

Ikkonsidrat:

Jirrizulta li b'digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili tas-17 ta' Awissu 2001 gie ordnat, fost affarijiet ohra, li r-rikorrenti kellu “fi zmien xahar johrog mid-dar konjugali”, fejn kellha tibqa tabita eskolusivament l-intimata mat-tifel minuri;

Bhala konsegwenza tal-imsemmi digriet l-intimata ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' zgumbrament kontra zewgha, r-rikorrenti, sabiex huwa jizgombra mill-fond Blk 2, Flat 8, Progett tad-Djar ta' Sant'Andrija, Pembroke;

Permezz ta' dawn il-proceduri r-rikorrenti wara li ddikjara li l-hrug tal-imsemmi mandat huwa irritu u null u bla effett u, fi kwalunkwe kaz ma jistax jigi ezegwit, talab ai termini ta' l-artiklu 283A tal-Kap. XII, li l-ezekuzzjoni ta' l-imsemmi mandat ta' zgumbrament tigi sospiza u li l-istess mandat jigi revokat u li jinhareg l-opportun kontromandat. Ir-rikorrenti ppremetta li l-mandat ta' zgumbrament ma setax jinhareg peress illi fl-imsemmi digriet tas-Sekond'Awla imkien ma hemm indikat il-fond u cioe l-fond Blk. 2, Flat 8, Progett tad-Djar ta' Sant'Andrija, Pembroke u ghalhekk l-istess fond ma giex identifikat fl-istess digriet. Ir-rikorrenti ppremetta ukoll li l-istess fond hu soggett u kolpit minn Ordni ta' Rekwizizzjoni validament mahruga u ghalhekk ir-rikorrenti ma jistax jaghti l-pussess tal-fond imsemmi;

Ma hemmx dubju li l-imsemmi digriet tas-Sekond'Awla jirreferi ghall-fond indikat fil-mandat ta' zgumbrament. Ghalhekk, ai termini tal-istess digriet, ir-rikorrenti kellu jizgombra mill-istess fond indikat fil-mandat. Jirrizulta li dan il-fond hu in effett id-dar konjugali u ghalhekk ir-rikorrenti ma jistax jighid li l-ordni sabiex huwa jizgombra ma tirreferix ghal dan il-fond;

Il-kwestjoni tal-Ordni ta' Rekwizizzjoni hi rrilevanti ghal-finijiet tal-mandat ta' zgumbrament meritu ta' dawn il-proceduri. Ir-rikorrenti mhux qed jghaddi l-pussess tal-fond in kwestjoni lill terzi, izda, b'ordni tal-Qorti kompetenti, qed jizgombra mill-istess fond sabiex martu u ibnu, ad eskluzjoni tal-istess rikorrenti, jibqghu jabitraw fih u dana b'mod provizorju u minhabba xi disgwid li nqala bejn il-konjugi. L-Ordni ta' Rekwizizzjoni m'ghandiex tkun ta' xkiel jew ostakolu ghall-ordni tal-Qorti sabiex ir-rikorrenti jigi zgumbrat;

Ir-rikorrenti u martu huma kolpiti bl-imsemmi Ordni ta' Rekwizizzjoni in kwantu jekk huma jitilqu mill-fond, li hu proprjeta' tal-Gvern, huma ghandhom jirritornaw ic-cwievet lid-Dipartiment koncernat u mhux jghadduh lill terzi. F'dan il-kaz il-partijiet mhux ser jifqu milli jkompli jabitaw fil-fond. Ser tkompli tabita fih l-intimata ad eskluzjoni tar-rikorrenti u dana b'ordni ta' Qorti kompetenti;

Fid-dawl tal-premess it-talbiet tar-rikorrenti ma jistghu qatt jigu akkoilti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti;

Spejjez kontra r-rikorrenti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------